# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016**

**Numru 27**

**Citazzjoni numru 40/05 pc**

**Ina Maria Spiteri Staines, Mario Corrieri u Giovanni Corrieri**

**v.**

**Alan Tabone li b'digriet tat-13 ta' Jannar 2006 ġie nominat kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-assenti Victoria Mary Elizabeth McCann bint Peter John McCann u l-istess Peter John McCann**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, tal-15 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata, u dana billi tilqa' t-talbiet tagħhom u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha.

"Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

"Illi huma l-proprjetarji tal-artijiet magħrufa bħal ta' Kumbu, liema artijiet igawdu dritt ta' passaġġ bil-bhima, karrettun u mezzi mekkaniċi minn fuq art akkwistata riċentement mill-konvenuta u artijiet oħra;

"Illi l-konvenuti riċentement għamlu xogħlijiet li bħala riżultat tagħhom id-dritt ta' passaġġ premess ġie ostakolat u mnaqqas serjament u dan kif ser jintwera tul is-smigħ tal-kawża;

"Billi dawn ix-xogħlijiet saru kontra r-rieda u anzi fl-oppożizzjoni tal-atturi;

"Billi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

"Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

"1. Tiddikjara li l-konenuti riċentement għamlu xogħliiet li bħal riżultat tagħhom id-dritt ta' passaġġ ġie ostakolat u mnaqqas serjament u dan kir premess;

"2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din l-Qorti jogħġobha tiffissa tirripristina l-imsemmi dritt ta' passaġġ u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jagħmlu huma stess ix-xogħlijiet meħtieġa spejjeż tal-konvenuta okkorrendo bl-għajnuna ta' periti nominando .

"B'riserva ta' kull azzjoni għad-danni spettanti lill-atturi u bl-ispejjeż;

"Il-konvenuta hi minn issa nġunta in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament maħlufa minn Mario Corrieri.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li eċċepixxa illi:

"1. Illi t-talbiet attriċi qed jiġu kkontestati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

"2. Illi l-allegazzjonijiet magħmula miċ-ċitazzjoni odjerna huma għal kollox skorretti u dan kif se jiġi ppruvat dettaljatament fil-kors ta' din il-kawża.

"3. Illi bix-xogħlijiet magħmula mill-eċċipjenti ma ġew ostakolati l-ebda drittijiet li bil-ħaqq għandhom dritt għalihom l-atturi.

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri kemm fid-dritt u fil-fatt.

"Bl-ispejjeż.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut maħlufa minnu.

"Rat id-digriet tagħha tal-21 ta' Frar 2012 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti, kif rappreżentati mill-konvenut nomine, jiġu mġegħla jneħħu ħajt li huma bnew fuq il-proprjeta' tagħhom, b'tali mod li ostakolawlhom passaġġ bil-vetturi li huma jallegaw li tgawdi l-art tagħhom li jgħidu li hija interkjuża u li tinsab iżjed 'l ġewwa minn dik tal-konvenuti.[1] Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut nomine llimita ruħu biex jikkontesta t-talbiet attriċi u jsostni li bix-xogħlijiet li saru ma ġew mfixkla ebda drittijiet ta' l-atturi.

Kif tajjeb jgħid il-konvenut nomine fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tiegħu, l-ewwel ħaġa li trid tiġi stabilita hija l-prova li l-atturi huma s-sidien ta' l-art li allegatament tgawdi dan id-dritt ta' passaġġ. Din il-prova l-atturi għamluha billi pproduċew kopja uffiċċjali ta' kuntratt ta' diviżjoni fejn lill-mama' tagħhom Giuseppina Corrieri kienet ġiet assenjata *inter alia* : "*bicca rabgha fil limiti t'Ghajnsielem, il contrada tat triek tax Xhat, denominata Ta Cumbu, fiha erbgha ti-tmiem u seba keiliet, u tikonfina fil lvant ma beni ta Giuseppe Cordina, fit Tramuntana ma beni tal-werrieta ta Paolo Ciantar u fil Ponent ma beni tal Gvern*."[2] Giuseppina Corrieri mietet fit-30 ta' Novembu 1991,[3] u permezz tat-testment tagħha tad-29 ta' Gunju 1983 innominat lill-atturi bħala eredi universali tagħha.[4] Ix-xhud Pawlu Ciantar, li jaħdem l-art in kwistjoni, ikkonferma li huwa jaf lill-atturi bħala l-proprjetarji tagħha.[5] Barra minn hekk mhux verosimili li l-atturi kienu ser jieħdu l-inizzjattiva biex jippromwovu din il-kawża dwar proprjeta' li ma kellhom ebda interess fiha. L-ewwel rekwiżit ġie għalhekk ampjament sodisfatt.

---

[1] Ara aerial photograph esebit bhala Dok. A flimkien mac-citazzjoni, a fol. 5 tal-process, fejn dan l-allegat passagg huwa mmarkat bil-kulur isfar; ara wkoll aerial photograph esebit bhala Dok. PM 1 a fol. 292 fejn il-proprjeta' li l-atturi qed jghidu li hija taghhom hija bordurata b'linja hamra u l-passagg ghaliha indikat bil-kulur isfar; u pjanta Dok. RA 2 a fol. 76 li tindika x-xoghlijiet li saru mill-konvenuti li bihom djieq il-passagg .

[2] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Francesco Gauci ta' l-14 ta' Mejju 1940 esebit bhala Dok. C a fol. 262 .

[3] Ara estratt mic-certifikat tal-mewt taghha esbit bhala Dok. A a fol. 224 .

[4] Dok. B a fol. 226 – 227 .

[5] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 43 .

"It-tieni ħaġa li trid tiġi stabilita hija jekk l-art ta' l-atturi tgawdix dritt ta' passaġġ minn fuq l-art tal-konvenuti. Is-**servitu' ta' passaġġ** huwa klassifikat fil-liġi[6] u fid-dottrina bħala wieħed apparenti u diskontinwu; apparenti għax jidher illi terzi jkunu qed jgħaddu minn fuq art ta' ħaddieħor, u diskontinwu għax dan id-dritt ma jiġix eżerċitat il-ħin kollu. "***La servitu' di passaggio e' discontinuo pei suoi caratteri, e dalla legge e' collocata appunto fra le servitu' discontinue***."[7] Għalhekk servitu' bħal dan jista' jiġi akkwistat biss bis-saħħa ta' **titolu**.[8] "***Per titolo s'intende l'atto giuridico, formale, costitutivo di una servitu', sia esso una convenzione gratuita od onerosa, sia una disposizione di ultima volonta': la vendita o la divisione sono le convenzioni con le quali piu' frequente si stabiliscono le servitu' prediali***."[9]

"Fil-każ in eżami ma ġiet prodotta ebda prova ta' titolu da parti ta' l-atturi, li minnha jista' jingħad li oriġina dan l-allegat servitu' ta' passaġġ favur l-art tagħhom. Anzi l-istess kuntratt ta' diviżjoni msemmi hawn fuq, pjuttost jimmilita kontra t-teżi li l-atturi jew il-predeċessuri fit-titolu tagħhom setgħu akkwistaw dan is-servitu' bis-saħħa ta' xi titolu. Dan għaliex ma jissemma xejn f'dan ir-rigward fid-deskrizzjoni mogħtija ta' l-art in kwistjoni f'dak il-kuntratt.

"Eċċezzjonalment pero', servitu' simili jista' jiġi akkwistat ukoll bil-**preskrizzjoni** ta' tletin sena, meta jirriżulta illi l-art dominanti hija interkjuża.[10] Ġie mgħallem pero' fid-dottrina ġuridika illi sabiex jiġi akkwistat dan id-dritt ta' passaġġ bil-preskrizzjoni trentennali*:" … non dovrebbesi in generale ammettere a domandare il beneficio largito dall'articolo 682* (simili għall-art. 469(2) tagħna), *il proprietario che volontariamente avesse lasciato il proprio fondo chiudere da ogni parte, a ragion d'esempio, col fabbricare in giusa da privarsi, per l'immediato fatto della fabbrica, del passaggio con vettura sul suolo, il quale prima della costruzione servivagli di transito per giungere alla pubblica via."*[11]

"Similment il-**Pacifici Mazzoni** jgħid: "*In ogni caso lo stato di chiusura del fondo non deve essere la conseguenza di un fatto compiuto o consentito dal proprietario; perciocche' allora non si verificherebbe punto la condizione della necessita' assoluta o relattiva del passaggio; occorre che esso sia l'effetto di un avvenimento indipendente dalla volonta' di lui."* Similment il-**Pacifici Mazzoni** jgħid: "*In ogni caso lo stato di chiusura del fondo non deve essere la conseguenza di un fatto compiuto o consentito dal proprietario; perciocche' allora non si verificherebbe punto la condizione della necessita' assoluta o relattiva*

[6] art. 455(1) u (3) tal-Kodici Civili taghna (Kap. 16)) .
[7] Digesto Italiano : vol. XXI. pt. 3 pag 151 per V. Galante .
[8] art. 469(1) tal-Kap. 16 .
[9] Op. cit. pag. 153 .
[10] art. 469(2) tal-Kap. 16 .
[11] Demolombe : Corso di Diritto Civile : vol . Vi - XI no. 605 ed. Par .

*del passaggio; occorre che esso sia l'effetto di un avvenimento indipendente dalla volonta' di lui."*[12]

"Hekk ukoll il-**Baudry-Lacantinerie** jgħallem illi: "*E' dunque soltanto allorche' l'interclusione risulta da un caso fortuito, come il cambiamento del letto di un fiume, ovvero allorche' esiste da tempo immemorabile di modo che sia impossibile determinare la causa, che il proprietario del fondo interchiuso puo' reclamare il diritto di passaggio accordato dai nostri articoli. Le parti non possono far subire al vicino le conseguenze di una interclusione che risulta dal loro fatto*."[13]

"Dan l-insenjament ġie wkoll applikat mil-qrati tagħna u nfatti ġie deċiż illi: "*Biex l-interkjużura ta' fond tagħti lok għall-mogħdija fuq il-fondi viċini, hemm bżonn li dik l-interkjuzura tkun l-effett ta' avveniment indipendenti mill-volonta' tal-proprejtarju ta' dak il-fond."*[14]

"Dan kollu jfisser illi:

"(i) biex ikun hemm akkwist ta' passaġġ bil-preskrizzjoni, l-element essenzjali huwa li l-art li tkun qed takkwista dan id-dritt, tkun interkjuża u ma għandhiex aċċess għat-triq minn fuq proprjeta' oħra;

"(ii) il-bżonn ta' aċċess minn fuq l-art ta' ħaddieħor trid tirriżulta minn ċirkostanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' ta' min ikun qed jirreklama dan id-dritt; u

"(iii) proprjetarju ma jistax hu stess joħloq sitwazzjoni fejn ikollu bżonn aċċess minn fuq l-art tal-viċin.

"Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu li huwa minnu illi, kif jidher mill-*aerial photographs* esebiti, l-artijiet ta' l-atturi f'dawk l-inħawi ma għandhom l-ebda aċċess dirett għat-triq, u biex tidħol fihom wieħed irid neċessarjament jgħaddi minn fuq l-art ta' ħaddieħor. Barra minn hekk, il-fatt li dan l-aċċess jitgawda minn fuq il-proprjeta' llum tal-konvenuti u tal-ġara tagħhom Josephine Zerafa, jirriżulta mill-iskrittura privata li kienet saret bejn missier din Josephine Zerafa, Angelo Spiteri, u l-istess Pawlu Ciantar u bdiewa oħra li kienu jaħdmu l-għelieqi tagħhom f'dawk l-inħawi, fejn ġie rikonoxxut li kien hemm dritt ta' passaġġ minn fuq l-art ta' Angelo Spiteri,[15] li ġiet sussegwentement ittrasferita lill-imsemmija Josephine Zerafa,[16] u li mbagħad għaddiet parti minnha lill-terzi li eventwalment bieghuha lill-konvenuti.[17] Kien ftit wara li xtraw din il-biċċa art li l-konvenuti tellgħu fuqha l-ħajt li minnu

[12] Istituzioni vol. III pte. II pag. 209, n. 257 .
[13] Dei Beni pag. 815 .
[14] Prim'Awla : Francis Baldacchino et vs George Debono : 16.1.2003; ara wkoll : Prim'Awla : DeGiorgio vs Zammit Tabona : 15.10.1982 .
[15] Ara Dok. X a fol. 140 -141 .
[16] Ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Dr. Michael Refalo ta' l-14 ta' April 1988 esebit bhala Dok. JZ 1 a fol. 150 – 151 .
[17] Ara kopja tal-kuntratt relattiv in atti Nutar Dr. P. Pisani tad-19 ta' Settembru 2003, esebit bhala Dok. B a fol. 6 - 11 u pjanti annessi a fol. 12, 13 .

qed jilmentaw l-atturi, bħal ma kienet għamlet qabilhom Josephine Zerafa fuq il-parti li kien fadlilha mill-art li kienet akkwistat mingħand missierha. Ġie għalhekk determinat li tassew l-art hawn fuq deskritta ta' l-atturi tgawdi dritt ta' passaġġ, l-ewwel minn fuq l-art ta' l-imsemmija Josephine Zerafa u mbagħad minn fuq dik tal-konvenuti.

"Li jibqa' sabiex jiġi stabilit huwa jekk dan il-passaġġ huwiex wieħed sempliċi bir-riġel, inkella wkoll bil-bhima, jew aħjar illum, bil-vetturi. L-atturi jsostnu li l-passaġġ għall-art tagħhom huwa bil-vetturi. In sostenn ta' din it-teżi tagħhom, huma esebew *aerial photograph* ta' l-inħawi meħud fl-1957,[18] biex juru li dan il-passaġġ kien ilu almenu sa minn dak iż-żmien wiesa biżżejjed biex minnu jgħaddu wkoll il-vetturi. Ipproduċew wkoll diversi xhieda ta' nies li kienu jaħdmu raba fl-inħawi, biex jgħidu li għamlu żmien jgħaddu minn dan il-passaġġ anke bil-vetturi.

"Imma apparti l-fatt li l-wisgħa tal-passaġġ waħedha mhix prova suffiċjenti ta' mogħdija bil-vetturi, kienu biss Pawlu Ciantar[19] u Carmel Pace, li l-familja tiegħu kellha f'idejha l-art ta' l-atturi qabel l-istess Pawlu Ciantar,[20] li setgħu jgħidu kif kienu jgħaddu biex jidħlu f'din l-art. Il-fatt li x-xhieda l-oħra li ġew prodotti qalu li huma wkoll kienu jgħaddu minn hemm bil-karrettun jew bit-trukkijiet biex jidħlu għar-raba tagħhom, ma jistax ikun prova rilevanti biex jiġi stabilit id-dritt ta' mogħdija b'dan il-mod għall-art ta' l-atturi permezz tal-preskrizzjoni trentennali, kif jenħtieg fil-każ in eżami. Imbagħad insibu li Pawlu Ciantar stess kien irrikonoxxa fl-iskrittura msemmija li kienet saret ma' Angelo Spiteri, li huwa kien qed jgħaddi minn dan il-passaġġ permezz tal-vetturi, sempliċement b'tolleranza u mhux b'xi dritt. Dan jindika li huwa kien qed jagħraf li jgħaddi bil-vetturi abużivament u mhux għax l-art maħduma minnu kienet tgawdi xi dritt ta' mogħdija b'dan il-mod.[21] Dan ġie wkoll konfermat minn Josephine Zerafa li spjegat kif kien biss wara s-sena 1977, meta ommha u missierha rritornaw is-safar fejn kienu emigrati, u allura ma kien hemm ħadd biex ifixkilhom, li Pawlu Ciantar u bdiewa oħra li kellhom ir-raba fl-inħawi, bdew jagħmlu użu mill-passaġġ fuq ir-raba tagħhom bil-mezz tal-vetturi wkoll. Infatti kien proprju għal din ir-raġuni li missierha, hekk kif reġa' rritorna f'dawn il-gżejjer fis-sena 1986, insista ma' dawn il-bdiewa sabiex issir l-iskrittura privata hawn fuq imsemmija, proprju ħalli ma jkunx jista' jinkiseb xi dritt ta' passaġġ bil-vetturi permezz tal-preskrizzjoni.[22]

"F'ċirkostanzi daqstant ekwivoċi, żgur li ma jistax jingħad li l-art ta' l-atturi hawn fuq deskritta tgawdi wkoll mogħdija bil-vetturi. Ma rridux ninsew illi s-servitu' ta' passaġġ, f'dan il-każ konċess mil-liġi permezz tal-preskrizzjoni, huwa restrizzjoni fuq it-tgawdija libera tal-proprjeta' u għalhekk għandu jiġi nterpretat b'mod restrittiv. Ma jistax għalhekk jiġi

[18] A fol. 5 ta l-process .
[19] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 42 – 45 .
[20] Ara deposizzjoni tieghu a fol. 46 – 47 .
[21] 21 Ara skrittura Dok. X a fol. 140 - 141 .
[22] Ara affidavit taghha a fol. 148 - 149 .

estiż għall-passaġġ bil-vetturi wkoll, ħlief fejn ikun hemm provi sodisfaċenti li d-dritt ta' passaġġ kien tassew ilu jiġi eżeċitat b'dan il-mod għaż-żmien kollu rikjest mil-liġi għall-ħolqien tiegħu permezz tal-preskrizzjoni.

"Għaldaqstant, peress li ma ġiex ippruvat li l-art ta' l-atturi deskritta fiċ-ċitazzjoni tgawdi passaġġ bil-vetturi minn fuq il-proprjeta' tal-konvenuti, dawn ta' l-aħħar ma jistgħux jiġu mġegħla jneħħu l-ħajt ilmentat li kienu bnew biex jgħalqu l-istess proprjeta' tagħhom, u għalhekk it-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu milqugħa.

"Għal dawn il-motivi, tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-atturi."

**Rikors tal-appell tal-atturi appellanti (28.05.2012)**

**3.** L-atturi ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom jistgħu jiġu sintetizzati kif ġej.

*Is-sentenza hija kontradittorja għax għalkemm tiddikjara li l-atturi għandhom dritt ta' passaġġ ħalliet lill-konvenuti jżommu l-ħajt*

**4.** Huma jilmentaw illi minkejja illi irriżulta lill-ewwel Qorti li huma l-proprjetarji tal-art u li kellhom dritt ta' passaġġ fuq il-proprjeta` tal-intimati, hija ċaħdet it-talbiet tagħhom għaliex skont hi ma ġiex pruvat li l-art tagħhom tgawdi passaġġ bil-vetturi minn fuq il-proprjeta` tal-intimati. Jargumentaw illi bil-fatt li l-ewwel Qorti ħalliet lill-intimati jżommu l-ħajt, dan iġib fix-xejn id-dritt ta' passaġġ gawdut minnhom.

*Il-ħajt jagħlaq il-passaġġ mhux biss bil-vettura iżda wkoll bir-riġel*

**5.** Iżidu jgħidu illi lanqas ma jista' jiġi argumentat li l-intimati kellhom id-dritt li jagħlqu għallinqas parzjalment il-passaġġ, għaliex il-ħajt minnhom mibni huwa intiż sabiex iċaħħadhom mid-dritt ta' passaġġ mhux biss bil-vettura iżda wkoll bir-riġel. Isostnu li bil-bini tal-ħajt assolutament ma jistgħux jgħaddu.

*L-iskrittura bejn Pawlu Ciantar u Angelo Spiteri fir-rigward tal-mogħdija bil-vetturi b'tolleranza*

**6.** L-atturi appellanti jirreferu għal dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti osservat illi minn skrittura privata bejn Angelo Spiteri (missier Josephine Zerafa – il-ġara tal-konvenuti) u Pawlu Ciantar kien irriżulta li minkejja li Pawlu Ciantar kien jgħaddi mill-passaġġ bil-vettura dan kien b'tolleranza u mhux bi dritt. Huma jargumentaw illi ma tistax tali skrittura tintuża biex tippreġudika d-drittijiet tagħhom meta huma ma kinux firmatarji tagħha. Jirreferu wkoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Clive Simpson noe v. John Saliba et** deċiża fit-22.06.2004 fejn ġie ritenut illi "*Ftehim bejn sid ta' fond servjenti u terz ma jistax jippreġudika d-drittijiet ta' sid il-fond dominanti. Għalhekk mhux permess li sid il-fond servjenti li jkun soġġett għal dritt ta' passaġġ jitterminah unilateralment mingħajr il-kunsens ta'*

*sid il-fond dominanti*."

**7.** L-atturi appellanti jargumentaw ukoll illi huwa evidenti mill-wisgħa tal-passaġġ sa mill-inqas mill-1957 (kif jidher mill-aerial view) illi kien tali li jippermetti l-passaġġ bil-bhima u bil-karettun daqskemm bl-inġenji. Fil-fatt jirreferu għax-xiehda ta' Josephine Zerafa fejn qalet li kienu jgħaddu bil-Landrover bejn l-1977 u l-1986. Jispjegaw illi l-użu imbagħad ma baqax isir in vista tal-fethim milħuq ma' Ciantar pero` dan, kif diġa argumentaw *supra*, m'għandux jippreġudika d-drittijiet tagħhom is-sidien.

*Terzi li allegatament kienu jgħaddu mill-passaġġ bil-vettura*

**8.** Jaċċennaw għax-xiehda ta' Lorenzo Rapa, Frank Rapa u Carmel Pace biex juru li mill-passaġġ in kwistjoni kienu fil-fatt jgħaddu vetturi (u qabel bil-bhejjem), liema terzi allegatament ukoll ġew affettwati bil-bini tal-ħajt.

*It-tibdil tas-servitu`*

**9.** L-atturi appellanti jissottomettu li t-tibdil tas-servitu` jinsab ammess mill-istess konvenut fl-affidavit tiegħu, u jirreferu għall-Artikolu 474 tal-Kap. 16 li jipprovdi li sid tal-fond servjenti ma jistax' jagħmel xejn li jnaqqas l-użu tas-servitu` jew li jagħmel li l-użu ikun ta' xkiel akbar.

Għalhekk jargumentaw li wisq anqas jista' sid ta' fond servjenti ixejjen jew inaqqas id-drittijiet tas-sidien tal-fond dominanti billi jipprova jasal fi qbil ma' terzi ai fini li jeskludi d-drittijiet u jirrendihom eżerċitabbli biss bħala tolleranza u kwindi jbiddel l-estensjoni u n-natura tas-servitu` li diġa kienet stabbilita.

*L-Artikolu 448 tal-Kap. 16*

**10.** Finalment l-atturi jirreferu għall-Artikolu 448 tal-Kap. 16 u jargumentaw illi dan l-artikolu oltre li jipproteġi d-dritt ta' passaġġ favur is-sidien ta' fond interjkuż jipprovdi espressament li tali dritt għandu jkun "*bir-riġel, bil-bhima jew bil-karettun skont il-każ*". L-atturi jargumentaw illi huwa ċar li dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet *"a tempo vergine"* kien dak li jingħata aċċess bil-bhejjem u bl-inġenji għas-servizz ta' min kien jaħdem l-għelieqi. Jirreferu wkoll għas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Carmelo Vassallo v. Paul Camilleri et**, deċiża fid-09.10.2003 fejn ġie ritenut illi servitu` ta' passaġġ eżerċitat oriġinarjament bil-bhima u l-karrettun tista' sussegwentement tiġi eżerċitata b'mezzi mekkaniċi.

**<u>Risposta tal-appell tal-intimat *nomine* (19.09.2013)</u>**

**11.** L-intimat *nomine* wieġeb biex jgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**12.** Huwa jibda biex jgħid illi li kif ġustament ikkonkludiet l-ewwel

Qorti, l-atturi appellanti ma rnexxilhomx jippruvaw li għandhom dritt jeżerċitaw passaġġ bl-inġenji minn fuq l-art tagħhom: u dan la permezz ta' xi kuntratt u lanqas permezz tal-preskrizzjoni trentennali.

*L-atturi ma ppruvawx li għandhom dritt ta' passaġġ bl-inġenji*

**13.** Apparti li l-intimat appellat *nomine* jikkontesta li l-atturi kellhom xi dritt ta' passaġġ anke bir-riġel (għalkemm f'dan ir-rigward jidher li qed jaċċetta il-konklużjoni tal-ewwel Qorti) fir-rigward dritt ta' passaġġ bl-inġenji pretiż mill-atturi huwa jsostni li dan ma ġie pruvat bl-ebda mod. Huwa jargumenta hekk:

(i) Mis-*survey sheets/aerial photos* ma jirriżultax li kien hemm mogħdija wiesgħa;

(ii) Anke jekk kien hemm passaġġ relattivament wiesgħa, dan ma jikkostitwix awtomatikament li kien hemm passaġġ bl-inġenji għal tletin sena;

(iii) Lanqas il-pożizzjoni tal-art fiha nnifisha ma ġġib konklużjoni awtomatika li l-aċċess għaliha għandu jiġi eżerċitat bl-inġenji;

(iv) L-iskrittura li ġiet iffirmata minn Pawlu Ciantar hija prova li l-użu bl-inġenji da parti tal-atturi kien biss b'tolleranza. Il-passaġġ dejjem kien bir-riġel biss u meta kien hemm żmien meta bdiewa bdew jabbużaw u bdew jaċċedu bil-vetturi u s-sid induna huwa wera l-oppożizzjoni għal

dan u anke ħa ħsieb li jiġi ffirmat il-ftehim sabiex jiġi ċċarat li l-vetturi kienu qed jgħaddu b'mera tolleranza;

(v) L-allegazzjoni tal-atturi li l-użu tal-passaġġ da parti tagħhom dejjem kien bil-vetturi u qatt ma ġie ostakolat ġiet kontradetta mix-xhieda prodotta, inkluż tal-atturi stess.

*Mhux minnu li issa anke l-passaġġ bir-riġel ġie ostakolat*

**14.** L-intimat appellat nomine jsostni li mhux minnu li l-passaġġ imħolli mill-konvenuti mhux suffiċjenti għall-passaġġ bir-riġel. Jirrileva li l-atturi qatt ma talbu lill-Qorti taċċedi fuq il-post biex tosserva għaliha nnifisha li tali passaġġ bir-riġel verament ma jistax jiġi eżerċitat u jżid li d-dikjarazzjonijiet tal-atturi f'dan is-sens ġew kontradetti mix-xiehda prodotti mill-konvenuti.

*L-Artikoli 469, 447 u 448 tal-Kodiċi Ċivili*

**15.** L-intimat appellat *nomine* jsostni li dawn l-artikoli tal-liġi ma jagħtux konfort lit-teżi tal-atturi appellanti. Huwa jargumenta li l-atturi appellanti ma jistgħux iserrħu l-każ tagħhom fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 448 (li jipprovdi dwar każijiet fejn fond isir interkjuż minħabba bejgħ, tpartit jew qasma) peress li l-azzjoni tagħhom hija ibbażata fuq servitu` ta' mogħdija ottjenuta bit-traspass ta' tletin sena, liema servitu` hija

irregolata bl-Artikolu 469.

*Kumment finali*

**16.** L-intimat appellat *nomine* jissottometti li f'każ li għall-grazzja tal-argument, din il-Qorti tkun tal-fehma li għandha tagħti raġun lill-atturi appellanti fl-argumenti tagħhom tqum il-kwistjoni dwar min effettivament għalaq il-passaġġ. Huma jsostnu li kienet persuna oħra estranja għall-każ (Josephine Zerafa) li għalqet il-passaġġ in kwistjoni b'ħajt li bniet wara l-proprjeta` tagħha. Jispjegaw illi meta huma bdew bix-xogħlijiet tagħhom il-passaġġ kien diġa ostakolat lest u għalhekk huma ma ħolqu l-ebda preġudizzju lill-atturi appellati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*Il-pożizzjoni tal-art tal-atturi vis-à-vis l-art tal-konvenuti*

**17.** Jiġi spjegat fl-ewwel lok li l-proprjeta` tal-atturi (erba ħbula raba immarkati 1, 2, 3 u 4 fuq l-*aerial photo* Dok A fol 5) hija interkjuża. L-ewwel Qorti ddeterminat illi l-art tal-atturi tgawdi dritt ta passaġġ bir-riġel: l-ewwel minn fuq il-proprjeta` ta' Josephine Zerafa imbagħad minn fuq il-proprjeta` tal-konvenuti (ara passaġġ immarkat B sa C fuq l-istess ritratt). Jiġi spjegat li kemm l-art illum tal-konvenuti kif ukoll dik ta'

Josephine Spiteri sal-1988 kienu oriġinarjament ta' Angelo Spiteri, missier Josephine Zerafa.

*Sfond kronoloġiku*

(i) 14.05.1940[23] - sar kuntratt ta' diviżjoni li permezz tiegħu omm l-atturi, Giuseppina Corrieri, messitha biċċa raba' fil-limiti ta' Għajnsielem fil-kontrada tat-triq tax-Xatt, denominat "Ta' Cumbu" bil-kejl ta' erbat itmiem u seba' kejliet (4T /7M);

(ii) 29.06.1983[24] - Giuseppina Corrieri għamlet testment u ħalliet lill-atturi bħala l-eredi universali tagħha;

(iii) 30.11.1991[25] - mietet Giuseppina Corrieri;

(iv) 18.08.1986[26] - Angelo Spiteri għamel skrittura ma' Paul, Michelangelo u Salvu aħwa Ciantar, u Anthony u Paolo aħwa Grech li permezz tagħha ġie maqbul li Angelo Spiteri huwa l-proprjetarju ta' biċċa art imsejħa "Ta' Kumbu" bil-kejl ta' circa 562mk u li minn fuqha l-istess aħwa Ciantar u aħwa Grech "*għandhom dritt ta' passaġġ bir-riġel liema passaġġ pero` qiegħed attwalment jiġi pprattikat bil-vettura….. qegħdin jiddikjaraw, jaqblu u jaċċettaw illi huma qegħdin jgħaddu bil-vetturi minn fuq l-art tal-komparenti Spiteri b'titolu prekarju u mingħajr ebda dritt jew jedd bil-liġi u mingħajr kwalsiasi pretenzjoni oħra dwar l-*

[23] Immarkat bl-aħmar fol 262
[24] Fol 226-227
[25] Dok A , fol 224
[26] Dok X, fol 140-141

<u>*istess passaġġ*</u>." Il-konfini ta' din l-art ġew deskritti hekk: tmiss mill-Lvant ma' sqaq tal-gvern u mill-punent ma' proprjeta` ta' Ġiuseppi Grech u minn nofsinhar ma' beni tal-familja Grech. (enfasi ta' din il-Qorti)

(v) <u>14.04.1988</u>[27] – Angelo Spiteri ttrasferixxa biċċa art imsejħa "Ta Kumbu", limiti ta' Għajnsielem bil-kejl ta' 786mk[28] lil bintu Josephine Zerafa[29]. Din tikkonfina lvant u nofsinhar ma' entrata u punent beni tal-Knisja t'Għawdex, soġġetta għal passaġġ min-naħa tal-punent u minn kull ħaġ' oħra libera u franka;

(vi) <u>07.05.1996</u>[30] – Josephine Zerafa biegħet biċċa art lil ċertu Edward u Mary Rose Buttigieg;

(vii) <u>19.09.2003</u>[31] - Edward u Mary Rose Buttigieg ittrasferew lil Victoria Mary Elizabeth McCann (konvenuta) "*plot of land known as Tal-Andar, sive Ta' Kumbu situated in an entrance leading to Mġarr Rd, in the limits of Għajnsielem, Gozo, measuring about 230 sq m. bounded on the east by the said entrance, north by property of Josephine Zerafa and on the west by property of the Xuereb family*….." (parti immarkata fuq il-pjanta annessa).

---

[27] Dok JZ1, fol 150-151

[28] Kopja tal-pjanta Dok JZ2 li kienet annessa mal-kuntratt, tinsab a fol 290. (**Kif wieħed jista' jara mill-pjanta din l-art tidher maqsuma fi tnejn. Aktarx li l-parti ta' fuq hija dik il-parti li tissemma fl-iskrittura tal-1986 – li minn fuqha ġie speċifikat li d-dritt ta' passaġġ huwa biss bir-riġel u li bil-vettura huwa biss b'tolleranza.)**

[29] Għalkemm fuq il-kuntratt Josephine Zerafa hija indikata bħala t-tifla adottiva ta' Baskal Zerafa u ta' Caterina nee Spiteri (oħt Angelo Spiteri), hija fil-fatt it-tifla bioloġika ta' Angelo Spiteri (kif tispjega fl-affidavit tagħha). Hija kienet ġiet addottata minn zijietha wara li l-ġenituri tagħha emigraw.

[30] Dan jirriżulta kemm mil-provenjenza fir-rigward tal-kuntratt tal-2003 (fol 11) u kif wkoll ix-xiehda ta' Josephine Zerafa tal-15.12.2010, fol 288

[31] Dok B, fol 6-11; pjanti fol 12-13

*L-aggravji*

**18.** Jekk wieħed jagħsar ir-rikors tal-appell tal-atturi isib li l-aggravji tagħhom huma bażikament tnejn:

(i) huma jsostnu li kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, huma għandhom mhux biss dritt ta' passaġġ bir-riġel minn fuq l-art tal-konvenuti, iżda wkoll dritt ta' passaġġ bil-vettura; u

(ii) jilmentaw illi bil-bini tal-ħajt huma fil-fatt ġew ostakolati mhux biss milli jgħaddu bil-vettura, iżda wkoll bir-riġel.

**19.** L-argumenti kollha tagħhom huma ppernjati fuq dawn iż-żewġ kwistjonijiet.

**<u>L-akkwist o meno tad-dritt ta' passaġġ bil-vettura bil-preskrizzjoni ta' tletin (30) sena</u>**

*Ir-ritratt mil-arju tal-1957 (fol 5)*

**20.** L-atturi appellanti jsostnu li dan ir-ritratt mill-ajru meħud fl-1957 juri li l-passaġġ kien wiesgħa biżżejjed biex jippermetti li jidħlu vetturi minnu. Iżda kif argumentat l-ewwel Qorti, anke kieku kellu jitqies li kien fil-fatt wiesgħa biżżejjed biex jgħaddu l-vetturi, dan il-fatt waħdu mhux biżżejjed biex jiġi stabbilit id-dritt ta' mogħdija pretiż mill-atturi permezz tal-preskrizzjoni trentennali.

*Terzi li kienu jaħdmu raba fl-inħawi li qalu li għamlu żmien jgħaddu minn dan il-passaġġ bil-vetturi/karettun*

**21.** L-atturi jaċċennaw għax-xiehda ta' (i) Lorenzo Rapa, (ii) Frank Rapa u (iii) Carmel Pace. Lorenzo Rapa[32] xehed li kien jgħaddi mill-mogħdija bil-karozza u missieru kien jgħaddi bil-ħmara. Frank Rapa[33] ukoll qal li kien jgħaddi bil-karozza u missieru bil-ħmara. Fir-rigward ta' Lorenzo u Frank Rapa ovvjament dan kollu huwa irrilevanti għall-fini biex jiġi stabbilit jekk l-atturi appellanti akkwistawx dritt ta' passaġġ bil-vettura abbażi tal-preskrizzjoni trentennali. Ix-xiehda ta' Carmel Pace se mai hija iktar rilevanti għall-vertenza in kwistjoni ladarba jgħid li missieru u l-antenati tiegħu kienu jaħdmu l-art tal-atturi.

*Missier Carmel Pace – il-bidwi li kien jaħdem l-art tal-atturi sas-sebgħinjiet (70s)*

**22.** <u>Carmel Pace</u>[34] xehed li l-art li llum jaħdimha Paul Ciantar (cioe` l-art tal-atturi) oriġinarjament kien jaħdimha missieru u l-antenati tiegħu. "*Meta miet missieri daru fuq ta' Ciantar*". Qal li huma dak iż-żmien ma kellhomx *tractors* u kienu jidħlu bil-bhima u bil-karettun u ħadd qatt ma żammhom. Pero` anke jekk missier Carmel Pace u l-antenati tiegħu kienu jaħdmu l-art illum tal-atturi u kienu jgħaddu mill-passaġġ in

[32] Xiehda ta' Lorenzo Rapa tas-16.05.2006, fol 52 et seq
[33] Xiehda ta' Frank Rapa tas-16.05.2006, fol 49 et seq
[34] Xiehda ta' Carmel Pace tas-16.05.2006, fol 46 et seq

kwistjoni bil-bhima/karettun (li kif inhu risaput servitu` ta' passaġġ bl-bhima/karettun jista jkompli jiġi eżerċitt bil-vetturi mekkaniċi) tibqa' d-domanda dan il-fatt għamluhx għal tletin (30) sena kontinwament, inekwivokament u mingħajr interruzzjonijiet. Ix-xiehda ta' Josephine Zerafa (kif se naraw 'il quddiem) timmilita kontra.

*Paul Ciantar – il-bidwi li beda jaħdem l-art tal-atturi mill-aħħar tas-sebgħiniiet (70s) 'l hemm*

**23.** Paul Ciantar fix-xiehda tiegħu mogħtija fl-2006[35] qal li beda jaħdem l-art tal-atturi xi tletin (30) sena qabel. Dan bejn wieħed u ieħor huwa korroborat mix-xiehda ta' Carmel Pace in kontro-eżami fejn ikkonferma li missieru kien miet fl-1979 u kien proprju wara l-mewt ta' missieru li ħadha f'idejh Paul Ciantar. Xehed li għandu trakk żgħir.

*Josephine Zerafa – bint Angelo Zerafa – dwar is-sitwazzjoni fis-sittinijiet/ sebgħinijiet/ tmeninijiet (60s/ 70s/ 80s)*

**24.** <u>Josephine Zerafa</u>[36] xehdet li fis-sittinijiet (60s), meta kienet għadha tmur l-iskola kienet tgħaddi minn dawk l-inħawi. Kuntrarjament għal dak li xehed Carmel Pace, qalet li qatt ma kienet tara nies għaddejjin bil-karettun u invece tgħid li tiftakar lill-bdiewa dejjem jgħaddu

[35] Xiehda ta' Paul Ciantar tas-16.05.2006, fol 42 et seq
[36] Xiehda ta' Josephine Zerafa tal-15.12.2010, fol 278 et seq

bir-riġel. Tgħid li imbagħad fis-sebgħinijiet (70s) bdew jgħaddu bil-vetturi sakemm induna missierha meta ġie lura mis-safar fejn kien emigrat u ħa passi fl-1986.

> *"Sas-seventy-seven (77) qatt ma għaddew trakkijiet jew karozzi, qatt. Dejjem bil-mixi. Jien niftakarhom joħorġu l-kaxxi fuq spallejhom jew idaħħlu moħriet żgħir…mis-seventy-seven (77) 'l hawn resqu l-ġebel u bdew jgħaddu. U imbagħad ma kellimnihomx mis-seventy-eight (78) sal-eighty-six (86). Imbagħad sa ma ġie missieri. U imbagħad meta ġie missieri għamel fratterija sħiħa."*

**25.** Għalhekk anke jekk l-antenati ta' Carmel Pace kienu f'xi żmien jgħaddu bil-karettun u bl-bhima, hemm ix-xiehda ta' Josephine Zerafa li tgħid li fis-sittinijiet (60s) ma tiftakarx bdiewa jgħaddu bil-karettun iżda bir-riġel. Għalkemm tikkonferma li imbagħad bejn l-1977 u l-1986 bdew jgħaddu bil-vetturi, (kif fil-fatt beda jagħmel Paul Ciantar fl-1979) missierha ħa ħsieb li jinterrompi tali użu. Fil-fatt kif spjegat l-istess Josephine Zerafa, bejn is-sena 1977 u s-sena 1986 ommha u missierha kienu emigrati u allura f'dan il-perjodu ħadd ma kien ifixkel il-bdiewa li jgħaddu minn hemm bil-vetturi.

*L-iskrittura bejn Angelo Spiteri (l-awtur ta' Josephine Spiteri u tal-konvenuti) u l-bdiewa Grech u Ciantar – passaġġ bil-vetturi b'tolleranza*

**26.** Malli Angelo Spiteri, missier Josephine Zerafa, ġie lura mis-safar fl-1986 u induna li kienu qed jgħaddu l-bdiewa bil-vetturi minn fuq l-art tiegħu insista li ssir din l-iskrittura. L-iskrittura tal-1986 tagħmilha ċara li

l-aħwa Ciantar u l-aħwa Grech kienu qed jitħallew jgħaddu bil-vetturi minn fuq l-art ta' Angelo Spiteri b'mera tolleranza.

**27.** Il-fatt li l-atturi ma kinux firmatarji ta' din l-iskrittura ma hux determinanti. Angelo Spiteri għamilha ċara mal-persuni konċernati – fosthom Paul Ciantar, il-bidwi li kien jaħdem l-art tal-atturi u li kien jaċċedi minn fuq l-art ta' Spiteri biex jasal għall-art tal-atturi – illi kwalukwe passaġġ bil-vetturi minn fuq l-art tiegħu kien qed jitħalla jsir merament b'tolleranza. L-iskrittura għalhekk ostakolat il-preskrizzjoni akkwiżittiva tas-servitu` ta' passaġġ bil-vettura li setgħet kienet qegħda tiddekorri favur l-art tal-atturi permezz tal-bidwi tagħhom.

"*Ma jistax sid ta' fond servjenti soġġett għal dritt ta' passaġġ jitterminah unilateralment*"

**28.** L-atturi jirreferu wkoll għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "<u>Clive Simpson noe vs John Saliba et</u>" deċiża fit-22.06.2004 fejn ġie ritenut illi "*Ftehim bejn sid ta' fond servjenti u terz ma jistax jippreġudika d-drittijiet ta' sid il-fond dominanti. Għalhekk mhux permess li sid il-fond servjenti li jkun soġġett għal dritt ta' passaġġ jitterminah unilateralment mingħajr il-kunsens ta' sid il-fond dominanti.*" Fil-każ odjern pero` baqa' ma ġiex pruvat li qabel l-1986 (meta saret l-iskrittura bejn Angelo Spiteri u Paul Ciantar) diġa` kien

hemm akkwistat dritt ta' passaġġ bil-vetturi minn fuq il-proprjeta` ta' Angelo Spiteri (illum ta' Josephine Zerafa u tal-konvenuti) u għalhekk dan l-argument ma jreġix.

**29.** In vista ta' dawn il-kunsiderazzjonjiet kollha din il-Qorti hija tal-fehma illi l-argument tal-atturi appellanti li huma akkwistaw is-servitu` ta' passaġġ bil-vetturi fuq l-art tal-konvenuti bil-preskrizzjoni ta' tletin sena (30) huwa infondat.

**<u>Jekk bix-xogħlijiet li għamlu l-konvenuti, l-atturi appellanti ġewx ostakolati wkoll milli jgħaddu bir-riġel</u>**

*L-ebda aċċess mill-Qorti biex jiġi ikkonstatat jekk dan hux vera*

**30.** Kif jargumenta l-konvenut *nomine*, l-atturi ma talbux li jsir aċċess mill-Qorti fuq il-post sabiex tiġi kkonstatata din l-allegazzjoni tagħhom. Għalhekk dan ikollu jiġi stabblit mix-xhieda ta' nies rilevanti.

*Provi dwar il-wisgħa tal-passaġġ illum*

**31.** Pawlu Ciantar fix-xiehda tiegħu tas-16 ta' Mejju 2006 xehed illi bil-bini tal-ħajt "*Issa ma tistax tgħaddi ħlief bir-riġel, lanqas bir-riġel aħseb u ara kemm se toħroġ l-uċuh li jkun hemm ġo dak ir-raba se toħroġ 'l hemm, lanqas bir-riġel ma tista' tgħaddi bil-mixi*." Kontro-eżaminat[37]

[37] Kontro-eżami ta' Pawlu Ciantar tal-11.06.2008, fol 128 et seq

pero` u mistoqsi għaliex qed jgħid li bir-riġel ma jgħaddix meta hemm tlett (3) piedi wisgħa, huwa qal li kemm mill-biċċa li tiġi fuq ta' Josephine Zerafa u kif ukoll mill-biċċa li tiġi fuq tal-konvenuti hemm siġar mill-għalqa ta' fuq li jiddendlu 'l isfel u jiġu ma wiċċ dak li jkun, u in oltre qal li l-passaġġ mhux imwitti. Fil-fehma ta' din il-Qorti pero` dawn huma ostakli żgħar li jistgħu jiġu rimedjati.

***32.*** Carmel Pace kontro-eżaminat[38] qal li fiż-żmien tax-xiehda tiegħu huwa ħalla l-karozza fit-triq u daħal bil-mixi. Mistoqsi "*U stajt tidħol all the way 'il ġewwa bil-mixi?*" huwa rrisponda: *"Bil-mixi tista' tidħol hux."*

**33.** L-istess attur, Anthony Spiteri Staines[39] ikkonferma li tħalla aċċess dejjaq ta' madwar tlett (3) piedi. Għalkemm jgħid li l-passaġġ huwa imħarbat u hemm anke siġra u arblu din il-Qorti terġa' ttenni li dawn huma affarijiet li jistgħu jiġu rimedjati, u fi kwalunkwe każ m'humiex mertu ta' din il-kawża. L-importanti hu li l-passaġġ huwa wiesgħa biżżejjed biex tgħaddi persuna bir-riġel.

***34.*** Fil-fatt il-konvenut stess Peter McCann[40] xehed illi huwa ħa ħsieb li jħalli passaġġ wiesgħa biżżejjed biex jippermetti l-passaġġ bir-riġel minkejja li ma ġiex muri minn fejn jirriżulta tali dritt. "…*though I have never been provided with sufficient proof to the effect that plaintiffs are*

[38] Kontro-eżami ta' Carmel Pace tas-07.11.2008, fol 155 et seq
[39] Xiehda ta' Anthony Spiteri Staines tas-16.05.2006, fol 55 et seq
[40] Affidavit ta' Peter McCann maħluf 01.09.2009, fol 190-192

*the true owners of their alleged land and despite not being convinced that their alleged land has any rights on my property, I have left sufficient space for the purpose of passage on foot from my land….I invite this Honorable Court to confirm for itself that this kind of passage is possible from my land.”*

**35.** Invista ta’ dawn il-provi din il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju tal-atturi appellanti huwa ukoll infondat.

**Decide**

Għal dawn il-motivi qegħdha tiċħad l-appell interpost mill-atturi appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Reġistratur
df